**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TMINJA U ĦAMSIN** **20 TA' MARZU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera, Dr Tiffany Ann Attard (on line), is-Sur Kaydem Schembri (on line), s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Marisa D'Amato

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **58.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 58.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **58.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 58.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Onorevoli Ministru Zrinzo biex jara f'hiex jista jgħin lill-Kunsill bil-Ministeru l-ġdid li għandu u fuq kollox jgħin lill-Kunsill fuq l-art ta' Triq Gervase Matthew, biex tingħata lill-Kunsill għall-iskopijiet li kellu sa mill-bidu nett.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 58.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u ħamsin -il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***58.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 58.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• prosit fuq tal-Auto Show li saret nhar il-Ħadd fi Vjal ix-Xarolla.<br>• irringrazzjat lis-servizz tax-shuttle bus li qed ikun hawn fiż-Żurrieq minħabba l-problemi li għandna bħalissa fiż-Żurrieq, minħabba l-qlugħ ta' toroq li qed isiru minn Enemalta.<br>• Qedgħa f'kuntatt il-ħin kollu mal-perit tal-Enemalta u mal-Ministru Miriam Dalli minħabba l-problemi ta' trinek li qed ikun hawn fiż-Żurrieq.<br>• Il-presipista jixtieq jagħmel kors ieħor f'Mejju. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Qed jitkompla x-xogħol fi Vjal il-Blue Grotto fejn it-traffic lights – Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal lis-Sindku biex il-Kunsill jiġi kkonsultat qabel ma jiġu mħawla s-siġar u jiġi ikkonsultat ukoll il-contract manager. Is-Sindku qalet li hemm arbuxelli ser isiru mhux siġar.<br>• Ser torganizza attivita għal San Girgor. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***58.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 58.4.2 | | Il-Viċi Sindku qal li :<br>• fuq wara ta' Ġnien il-Ġibjun hemm sleeping policeman maqlugħa.<br>• Biex isir qtugħ ta' ħaxix fi Ġnien il-Ġibjun, u central strip fi Triq Karmnu Zammit |
| | | |
| 58.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Triq Dun Guzepp Zammit hemm hedge biex jitbaxxa.<br>• Haxix fi Vjal ix-Xarolla fil-pots u fejnl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu hemm pot vojta jeħtieġ li issir randa oħra<br>• Biex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilta fejn l-iskola fi Triq Santa Katarina. Ma kienx hemm qbil għax hemm diġa.<br>• Biex issir rampa mal-bankina fejn il-parkeġġ tal-persuni b'diżabilta li hemm f'Misraħ Mattia Preti<br>• Biex isir żbir tal-palm fi Vjal il-Blue Grotto lejn l-aħħar ta' Mejju. |
| | | |
| 58.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal :<br>• prosit lill-membri li ser jieħdu sehem fil-pageant għax qed jaħdmu xogħol volontarju u r-reharsals isiru barra fil-ksieħ<br>• irid ifakkar fl-attivita tal-Orkestra li ser issir fid-19ta' April.<br>• jien dejjem urejt id-diżapprovazzjoni u x-xettisiżmu tiegħi jekk il-ġbir tal-iskart isir taħt ir-Reġjun. Hu qal li jgeddes l-iskart quddiem ir-residenti u għalkemm inġibdet l-attenzjoni b'email, bqajna bl-istess problema. Nies jiġru wara l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | iscammel. Hu ħeġġeġ lis-Sindku biex tressaq l-ilmenti waqt il-laqgħat li jkollha. Kien hemm min qal li l-ħġieġ mhux jinġabar kif suppost. Il-Viċi Sindku qal li ż-Żurrieq mar ħażin bis-servizz li sar. Suppost ġejna aktar effiċjenti u ma ġejnix. Qabel konna ngħidu li kienet skjavitu meta tara persuni jiġru wara trakk u issa ġejna agħar bil-ġiri u ħaddiema bla uniformi. Dawn l-ilmenti mhux ta' issa imma ilhom minn meta bdew dan is-servizz. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hawn van bil-kaxxa jdaħħan u jiġbor mit-toroq id-dojoq. Ikun hemm dewmien fil-ġabra tal-ħġieġ.<br>• Intalbet sleeping policeman fejn is-service road quddiem il-ħanut Kylies, iffirmaw żewġ familji. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dik l-akwata joqgħodu persuni li anke quddiem il-Prim Ministru mar għax kien hemm storbu ta' vetturi li jgħaddu minn fuq tappiera. Il-Kunsillier Joseph D'Amato baqa jinsisti li din għandha issir ġaladarba hemm żewġ firem. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 58.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal :<br>• Irringrazzja lil kull min attenda għal Car show.<br>• Għal nhar it-Tlieta qabel il-pageant talab li jiġu offruti sandwich u soft drinks lil kull parteċipant. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Traffic management fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika, jixtiequ li għalissa jagħtu ċans qabel ma jsir il-proġett. Is-Sindku qalet li bgħatet lill-Perit William Lewis biex teġra issir laqgħa għax hemm xi affarijiet li jridu jiċċaqalqu.<br>• Persuna minn Triq il-Luq talbet biex jitneħħew id-double yellow lines minn quddiemu u jsiru parking bays. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan ir-resident kull darba li tkun ġejja l-elezzjoni, javviċina lil xi kandidat biex jipprova jipperswadi lill-Kunsill.<br>• Fi Triq San Martin quddiem garage dejjem jipparkja trakk kbir u minħabba fih qed ikun ostakolat il-vista għal dawk li ħerġin minn Triq Dun Nard Mallia. Hu qed jitlob li jsiru double yellow lines ukoll quddiem il-garage. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir single line quddiem dan il-garage. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud ħareġ mis-seduta 19:25. |
| | | |
| 58.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-għaqda Residenti Żrieraq, biex il-Kunsill Lokali jara l-ħsibijiet tagħhom. Il-Viċi Sindku qal li l-aġenda ta' din l-għaqda hi li jagħmlu ħsara lill-Kunsill u kull ħaġa negattiva tiġi miktuba u t-tajjeb qatt ma jinkiteb. L-aġenda tagħhom hi politika u jinqdew b'żewġ persuni biex jitfgħu posts fuq fb page Zurrieq People. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dawn setgħu jiġu waqt il-laqgħa annwali, imma qatt ma ġew. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill m'għandux jagħtihom importanza. Il-Kunsilier Dino Bonnici qal li kull għaqda fiż-Żurrieq għandha tiġi rispettata u mitkellma mal-Kunsill.<br>• Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li Kunsill ġdid għandu jara hu dan il-każ. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Triq San Pawl kien hemm estenzjoni ta' double yellow line quddiem ħanut, għamel l-ilment, sar parkeġġ mill-Kunsill u ftit wara xi persuni reġgħu neħħewħ u għamlu double yellow lines. Kien hemm qbil li jerġa jsir dak meħtieġ.<br><br>• Biex Triq il-Kbira terġa ssir kif kienet paved. Staqsa meta ser ikunu lesti t-toroq li sar il-kanal fihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-informazzjoni li inġabret qalu li f'Mejju jkun kollox lest.<br><br>• Mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, il-fondi li ġġemmew għandu jsir investiment f'Bubaqra, fosthom it-toroq li hemm b'ħafna ħsarat fihom. |
| | | |
| ***58.5*** | | ***Misraħ ir-Repubblika*** |
| | | |
| 58.5.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lill-Perit William biex waqt li qed isir xogħol ta' trinek mill-Enemalta f'Misraħ ir-Repubblika, jigi biex jiċċekja/jagħmel survey tal-materjal li hemm taħt t-tarmak. Sabiex meta jinbeda l-proġett tal-Misraħ ikun hemm dan is-survey lest. Il-Perit William ġie fuq il-post u qal li mill-analiżi li saret, hemm 30cm ta' materjal loose u taħt hemm il-blat. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal għamel dan biex fiż-Żurrieq ma jkollniex il-problema li kellhom f'Raħal Ġdid. |
| | | |
| ***58.6*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 58.6.1 | | Tresqet lista ta' oġġetti (fixed assets) li ilhom li inxtraw mill-Kunsill mis-sena 1996-2000 biex jiġu imniżla scrapp fil-kotba tal-fixed asset registery.<br><br>Kien hemm qbil li jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill Lokali. |
| | | |
| | | |
| **58.7** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***58.8*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 58.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• korrispondenza mill-konsulent tal-Kunsill Lokali re PA fuq permess PA1224/24 re Blokka ta' Appartamenti fi Triq Carmelo Caruana. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma joġġezzjonax, ġaladarba l-Kunsill ma oġġezzjonax għal każijiet simili. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***58.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 58.9.1 | | Tressqu l-minuti tal-Gal Xlokk numru 149 u tar-Reġjun Punent numru 31. |
| | | |
| ***58.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 58.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €134,446.10<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u -Viċi Sindku Ignatius Farrugia u mill-Kunsilliera Dino Farrugia. |
| | | |
| ***58.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 58.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' April, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' APRIL, 2024.

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**